L-Università ta' Malta
Faculty of Medicine & Surgery

# INFORMATION LETTER (MALTESE)

**Faculty Research Ethics Committee (FREC)**
**Faculty of Medicine and Surgery**

February 2019

**Formola ta' Informazzjoni għall-Parteċipanti**

Għażiż Parteċipant/a,

Jiena **XXX** [**niżżel ismek**], fil-preżent qed insegwi **XXX** [**niżżel t-titlu tal-Kors, u l-università**]. Bħala parti mir-rekwiżiti tal-kors, qed nagħmel riċerka bit-titlu, **XXX [niżżel it-titlu tar-riċerka tiegħek**]. L-għan ta' dan l-istudju hu li nesplora **XXX [niżżel l-għan tar-riċerka tiegħek].** Is-sehem tiegħek f'dan l-istudju jista' jgħin biex ikollna aktar għarfien dwar **[niżżel il-bżonn jew il-benefiċċju ta' dan l-istudju].** Kull informazzjoni miġbura tintuża biss għall-għan jew l-għanijiet ta' dan l-istudju.

Bħala parteċipant/a inti se tintalab tieħu sehem f'intervista sabiex nesploraw l-esperjenzi tiegħek dwar **XXX [niżżel is-suġġett**]. L-intervista se tieħu madwar siegħa u ssir f'post u f'ħin li jkun konvenjenti għalik. M'intix obbligat/a li twieġeb il-mistoqsijiet kollha u tista' twaqqaf l-intervista fi xħin trid mingħajr ma tagħti l-ebda raġuni. Dan mhux ħa jkollu riperkussjonijiet negattivi fuqek u l-informazzjoni li tingħabar minn għandek titħassar/tinħazen b'mod anonimu **[agħżel bejn dawn t-tnejn]**. Sakemm m'għandek l-ebda oġġezzjoni, din l-intervista se tiġi rrekordjata bl-awdjo. Nassigurak li se tinżamm il-kunfidenzjalità matul l-istudju kollu u l-identità tiegħek u kull informazzjoni personali miġbura m'huma se jiġu żvelati mkien fit-teżi, ir-rapporti, il-preżentazzjonijiet u/jew il-pubblikazzjonijiet li jistgħu jirriżultaw minnha. Kull tagħrif miġbur se jiġi psewdonomizzat, jiġifieri it-traskrizzjonijiet kollha se jkunu protetti permezz ta' sistema ta' kodiċi u miżmuma separatament mill-informazzjoni personali. Ir-Riċerkatur/ir-Riċerkatriċi, is-Superviżur/a akkademiku/a u l-Eżaminatur/i biss ser ikollhom aċċess għall-informazzjoni miġbura u dan bi skop ta' verifika. L-awdjo rrekordjat u t-traskrizzjonijiet se jinħażnu fuq il-kompjuter personali tar-Riċerkatur/Riċerkatriċi b'forma ta' data encryption u li hu protett b'password. Barra minn hekk, il-materjal stampat se jinqafel f`post sigur.

F'każ li tħoss li l-intervista ħolqitlek diffikultà u tixtieq li tiddiskuti x'qed tħoss ma' professjonista mill-qasam tal-kura tas-saħħa, **XXX** [**niżżel isem u kunjom il-professjonista u indika l-professjoni tiegħu/tagħha**] se j/tkun qed j/tipprovdi servizz ta' għajnuna mingħajr ħlas min-naħa tiegħek.

Il-parteċipazzjoni tiegħek f'dan l-istudju hija għażla għal kollox volontarja u inti ħieles jew ħielsa li taċċetta jew tirrifjuta li tieħu sehem mingħajr ma jkun hemm konsegwenzi fil-konfront tiegħek. Se tingħata kopja tal-ittra ta' informazzjoni u tal-formola ta' kunsens sabiex tkun tista' taċċessahom fil-futur. Barra minn hekk, skont l-Att Dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data, inti għandek id-dritt li taċċessa, temenda u tħassar kull informazzjoni li tikkonċernak L-informazzjoni personali kollha se titħassar hekk kif jintemm dan l-istudju ta' riċerka u jkunu ppubblikati r-riżultati miksuba.

Grazzi ħafna tal-ħin u s-sehem tiegħek f'dan l-istudju. F'każ li jkollok xi mistoqsijiet jew tixtieq tiċċara xi ħaġa, tista' ċċempilli fuq **XXX [niżżel in-numru tal-mobile jew it-telefown tiegħek]** jew tibgħatli email fuq **[niżżel l-email]**. Tista' wkoll tikkuntattja lis-superviżur/a [**niżżel isem is-superviżur/a**] fuq [**niżżel in-numru tat-telefon tax-xogħol**] jew billi tibgħat email fuq [**niżżel l-email**].

Dejjem tiegħek,

______________________________ ______________________________

Isem ir-Riċerkatur jew Riċerkatriċi

Isem is-Superviżur/a tar-riċerka